**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**Il-Ġimgħa, 27 ta' April 2012**

**(It-tweġibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin massimu biex wieħed iwieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B hu ta' tliet sigħat.)**

**Parti A**

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin billi tabbozza:

1. l-att meħtieġ biex tiftaħ *actio pauliana*.
2. l-att meħtieġ biex jintalab rimedju għax il-klijent tiegħek igħid illi fi proċeduri quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali ma ngħatax smigħ xieraq, bi ksur tad-dispożizzjonijiet relativi tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.
3. l-att meħtieġ biex tiddefendi azzjoni li fiha qiegħed jintalab l-iżgumbrament tal-klijent tiegħek minn fond urban wara li għalaq it-titolu ta' enfitewsi temporanja li kellu fuq il-fond.
4. l-att meħtieġ biex jintalab il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni biex il-ġâr tal-klijent tiegħek jiġi miżmum milli jagħmel xogħlijiet fuq il-ħajt diviżorju.
5. l-att meħtieġ biex issir tweġiba ta' appell u appell inċidentali minn sentenza li ċaħdet eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-konvenut u laqgħet it-talbiet tal-attur għal dikjarazzjoni ta' responsabilità u likwidazzjoni u ħlas ta' danni. Il-konvenut appella miċ-ċaħda tal-eċċezzjoni u l-attur – il-klijent tiegħek – jixtieq jappella inċidentalment għax jidhirlu illi d-danni kellhom jiġu likwidati f'somma akbar.
6. l-att meħtieġ biex il-klijent tiegħek, li b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nstab ħati ta' żewġ imputazzjonijiet u mhux ħati ta' żewġ imputazzjonijiet oħra, jagħmel appell mis-sejbien ta' ħtija dwar waħda miż-żewġ imputazzjonijiet li tagħhom instab ħati u biex titnaqqas il-piena.

**Parti B**

Wieġeb għal mistoqsija waħda biss minn dawn li ġejjin:

1. X'tifhem b'"sigriet professjonali" ta' avukat? Dan is-sigriet għandu xi limiti? X'inhi d-differenza, jekk hemm, bejn "sigriet professjonali" u "kunfidenzjalità"? Agħti eżempji.